MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Kulleġġ San Injazju; Skola Primarja Siġġiewi

Triq it-Tabib Nikola Zammit, Siġġiewi
10 ta' Jannar 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

**Elezzjoni għall-Kunsill Skolastiku 2021 – 2022**

L-iskola li fiha jattendu wliedkom sejra, għal darb'oħra, torganizza l-elezzjoni għall-Kunsill Skolastiku tagħha, imwaqqaf skont l-Att tal-Edukazzjoni, 1988.

Dan il-Kunsill sejjer ikun iffurmat minn:

- President – innominat mill-Ministru għall-Edukazzjoni
- Segretarju/Teżorier - li hu l-Kap tal-Iskola
- Tliet rappreżentanti eletti minn fost l-Edukaturi tal-iskola
- Tliet rappreżentanti eletti minn fost il-Ġenituri/Kustodji li għandhom it-tfal tagħhom f'din l-iskola.

L-elezzjoni sejra ssir bejn **it-Tnejn 1 ta' Frar u s-Sibt 6 ta' Frar 2021.** L-elezzjoni din is-sena sejra ssir biss onlajn. Intom ser tirċievu kodiċi mill-iskola magħmul minn tliet ittri u tliet numri. Biex tivvota tista' tuża kompjuter, tablet jew smartphone.

Biex tivvota:

- Idħol fis-sit **schoolcouncilelections.edu.mt**
- Tinfetaħ paġna - **Daħħal il-Kodiċi** li rċevejt.
- Agħfas **Kompli**
- Tinfetaħ paġna bl-ismijiet tal-kandidati u vvota għal **mhux aktar minn tliet kandidati**
- Agħfas **Submit**.

Biex issir din l-elezzjoni hemm bżonn ta' ġenituri/kustodji li jixtiequ jservu fuq dan il-Kunsill. Ix-xogħol importanti u fejjiedi ta' dawn il-persuni diġà deher mill-Kunsilli li twaqqfu fis-snin ta' qabel. Għalhekk nitolbukom li jew toħorġu intom biex isservu fuq il-Kunsill jew tinnominaw persuna xierqa, li tkun ukoll ġenitur/kustodju li għandu/għandha t-tfal f'din l-iskola. Jiena ċerta mill-koperazzjoni tagħkom għall-ġid tat-tfal u tal-iskola tagħna.

**Nominazzjonijiet**

In-nominazzjonijiet isiru fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Edukazzjoni (schoolcouncilelections.edu.mt). Tista' tinnomina lilek innifsek. In-nominazzjoni onlajn **jiftħu t-Tnejn 11 ta' Jannar** u **jagħlqu l-Ħadd 17 ta' Jannar 2021 fis-1.00 p.m.**

Grazzi

**Ms N. Saliba**

**Kap tal-Iskola**